31994R1966

30.7.1994 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 198/103

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1966/94
tal-28 ta' Lulju 1994
li jirrigwarda l-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1737/94 [2], u b'mod partikolari Artikolu 15 tiegħu,

Billi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifika tal-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali sabiex tiġi interpretata n-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija fl-intier tagħha jew f'parti minnha msejsa fuqha jew li żżid kull subdiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilità b'dispożizzjonijiet speċifiċi Komunitarji, bil-ħsieb li jiġu applikati l-miżuri tat-tariffi jew miżuri oħra li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ fl-oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża ma' dan ir-Regolament jridu jiġu kklassifikati skond il-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet iddikjarati fil-kolonna 3;

Billi huwa approprjat li, bla ħsara għall-miżuri fis-seħħ fil-Komunità li għandhom x'jaqsmu mas-sistemi tal-kontrolli doppji u tas-sorveljanza Komunitarja prijuri u retrospettiva tal-prodotti tessili ma' l-importazzjoni ġewwa l-Komunità, it-tagħrif li jorbot tat-tariffi fil-materja tal-klassifika tal-oġġetti fin-nomenklatura magħquda maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament jistgħu jissoktaw jiġu invokati skond id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992, li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [3], għal perjodu taż-żmien ta' 60 jum mill-pussessur;

Billi t-Taqsima tan-nomenklatura tat-tariffi u statistika tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali ma tax opinjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu, rigward il-prodotti bin-Nri 3, 5, 6 u 7 fit-tabella mehmuża;

Billi l-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tat-taqsima tan-nomenklatura tat-tariffa u statistika tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali, rigward in-Numri tal-prodotti 1, 2, 4 fit-tabella mehmuża,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża huma issa kklassifikati ġewwa n-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

Artikolu 2

Bla ħsara għall-miżuri fis-seħħ fil-Komunità li għandhom x'jaqsmu mas-sistemi tal-kontrolli doppji u tas-sorveljanza Komunitarja prijuri u retrospettiva tal-prodotti tessili ma' l-importazzjoni ġewwa l-Komunità, it-tagħrif li jorbot tat-tariffi fil-materja tal-klassifika tal-oġġetti fin-nomenklatura magħquda maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament jistgħu jissoktaw jiġu invokati skond id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, għal perjodu taż-żmien ta' 60 jum mill-pussessur;

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-28 ta' Lulju 1994.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 256, tal-10.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 182, tas-16.7.1994, p. 9.
[3] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

ANNESS

Ir-ritratti huma purament għall-għanijiet ta' tagħrif.	Id-Deskrizzjoni tal-oġġetti Kodiċi tal-Klassifika NM	Ir-Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Drapp minsuġ bil-biċċa, stampat b'motivi dekorattivi ta' kuluri differenti (93 % tal-poliester, 7 % ta' materjal viskuż), bis-sekwini miżjuda u numru ta' fjuri ta' materjal tessili sintetiku minsuġ. Is-sekwini huma inkollati mad-drapp. Il-motivi tal-fjuri huma ftit fin-numru (bejn wieħed u ieħor 6 għal żona, 1,70 m bi 1,15 m) u huma meħjuta b'mod ħafif ħafif mad-drapp.	5407 54 00	Il-klassifika hija stabbilità bir-regoli ġenerali 1 u 6 sbiex tiġi interpretata n-nomenklatura magħquda, bin-nota tas-subintestatura 1 (ij) mat-Taqsima XI u l-mod tal-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 5407 u 5407 54 00. Ara wkoll in-noti ta' spjega tas-Sistema Armonizzata għall-intestatura 5810. Il-klassifika bħala rakkmu skond il-kodiċi tan-NM 5810 tiġi eskluża għaliex il-motivi dekorattivi huma meħjuta b'mod hekk ħafif ħafif mad-drapp li jinħallu ma' l-inqas ġibda.
2. Tapit tal-bieb b'wiċċ minn barra li jikkonsisti fi troffi tal-fibri tal-ġewż tal-Indi ta' madwar 1 ċm fit-tul imdaħħla vertikalment ġewwa saff tal-*PVC* imħallat bi plastiċizzatur.	5705 00 90	Il-klassifika hija stabbilità bid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 sabiex tiġi interpretata n-nomenklatura magħquda u bil-mod tal-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 5707 u 5707 00 90. Ara wkoll in-nota ta' spjega tas-Sistema Armonizzata għall-intestatura 5705
3. Biċċa ħwejjeġ ta' piż ħafif u tintlibes wiesgħa magħmula minn żewġ drappijiet differenti maħduma bil-labar u stampati (100 % qoton) maħsuba biex tgħatti l-parti ta' fuq tal-ġisem hekk li tilħaq sa nofs il-qadd. Għandha skollatura fittond bi ftuħ parzjali fuq ix-xellug li jagħti għal fuq il-lemin, qasira, bi kmiem wiesgħa, motivi dekorattivi stampati u qasmiet fil-ġenb. Għandha faxxa ta' drapp maħdum bil-labar meħjuta fuqha fl-iskollatura u fil-keffa tal-biċċa ħwejjeġ (*).	6104 42 00	Il-klassifika hija stabbilità bid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 sabiex tiġi interpretata n-nomenklatura magħquda u bil-mod tal-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 6104 u 6104 42 00.
4. Biċċa ħwejjeġ mingħajr kmiem, magħmula minm drapp li jiġġebbed maħdum bil-labar b'linji mqabbża (100 % poljamid) li tkopri l-parti ta' fuq tal-ġisem eżatt sa taħt il-qadd, b'għonq, feħa għal kollox fuq quddiem bil-lemin maqlut għal fuq ix-xellug b'buttuni żgħar tal-metall li jeħlu ma' xulxin u b'żewġ paramenti tal-bwiet fuq is-sider (Ara r-ritratt Nru 529) (*).	6110 30 99	Il-Klassifika hija stabbilità bid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklaura magħquda, bin-nota 8 mal-Kapitolu 61, u bil-mod tal-kliem tan-NM 6110, 6110 30 u 6110 30 99.
5. Biċċa ħwejjeġ ta' drapp 100 % tal-qoton li tkopri l-ġisem sa fuq il-koxxa, bil-parti ta' fuq li hija minusġa, b'għonq, kmiem twal wiesgħa li jinqaflu fuq il-pulzieri b'buttuni tal-metall jeħlu ma' xulxin u żewġt ibwiet meħjuta fuq is-sider. Il-biċċa ħwejjeġ għandha ftuħ fuq quddiem li tingħalaq bl-irbit tal-buttuni tal-metall li jeħlu fuq xulxin mil-lemin għal fuq ix-xellug mill-għonq sal-qadd. Il-parti ta' isfel tal-biċċa ħwejjeġ fil-qadd sat-tarf ta' fuq tal-qalziet hija magħmula tad-drapp jinġibed maħdum bil-labra b'irbit permezz tal-buttuni talmetall li jeħlu ma' xulxin fuq in-naħa tat-tarf tal-qalziet. (Ara r-ritratt Nru 530) (*).	6250 20 00	Il-klassifika hija stabbilità bid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, bin-Nota 8 mal-Kapitolu 62 u bil-mod tal-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 6205, u 6205 20 00.
6. Għaqda ta' biċċiet tal-ħwejjeġ għall-bejgħ bl-imnut li tikkonsisti fi: — *brassiere*, maħdum bil-labar (65 % poljamid, 35 % qoton) biċ-ċingi jitilgħu u jinżlu u r-rinforzar fil-qiegħ sabiex jgħin lill-ġisem; il-partijiet huma tal-bizzilla *raschel*, — *briefs*, maħduma bil-labar (80 % qoton, 20 % poljamid) u jiġġebbdu fil-qadd u mar-riġlejn; il-partijiet huma tal-bizzilla *raschel* ukoll.	6212 10 00 6108 21 00	Il-klassifika hija stabbilità bid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u bil-mod tal-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 6108, 6108 21 00 u 6212 10 00.

(*) Ir-ritratti huma purament għall-għanijiet ta' tagħrif.

Ir-ritratti huma purament għall-għanijiet ta' tagħrif.	Id-Deskrizzjoni tal-oġġetti Kodiċi tal-Klassifika NM	Ir-Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
7. Oġġett rettangolari magħmul minn drapp maħdum fitt bil-labar u ta' kulur singlu (100 % qoton) It-truf huma rrinfurzati bid-drapp minsuġ u bil-keffa. Il-wiċċ huwa maħdum doppju sabiex jifforma bwiet fuq ġewwa. Għandu wkoll żewġ fetħiet ta' madwar 10 ċm tul sabiex jippermettu l-oġġett jiġi mimli bir-rix, rix irqiq artab jew materjali oħra (*duvet* jew *quilt* oħxon).	6302 31 90	Il-klassifika hija stabbilità bir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u bil-mod tal-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 6302, 6302 32 u 6302 31 90.





